GOVERNMENT OF MALTA
DEPARTMENT OF INFORMATION

PRESS RELEASE

| PR221050 | 08.08.2022 | 2 |
|---|---|---|

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

***Tnedija tal-Parlament Nazzjonali taż-Żgħażagħ***

L-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati Anġlu Farrugia laqa' fil-Parlament l-ogħla rappreżentanti tal-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ, fejn tnieda l-Parlament Nazzjonali taż-Żgħażagħ.

Din l-attività ser tinżamm fis-sala plenarja tal-Parlament fis-27 ta' Settembru 2022.

Il-konferenza ġiet indirizzata mill-Ispeaker Anġlu Farrugia, mill-President tal-KNZ Yacopo Baldacchino, mill-Uffiċjal Nazzjonali Bradley Cachia, mill-Ministru għall-Edukazzjoni Clifton Grima u mill-Membru Parlamentari Bernice Bonello. Preżenti wkoll kien hemm is-Segretarju Parlamentari Keith Azzopardi Tanti.